MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 36/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta:-

"Illi huwa u l-intimata C B izzewgu fis-7 ta' April 1984 u z-zwieg taghhom gie registrat bl-Att taz-Zwieg numru 464/1984 (Dok. 'A').

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tliet ulied, li jisimhom Tiziana B u Maryln B, it-tnejn maggorenni, u Christian B li twieled fil-11 ta' Marzu 1996.

Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt pubblikat min-Nutar Ritienne Fenech fil-31 ta' Lulju 2006. Bis-sahha ta' dan il-

kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw definittivament u reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u wkoll ghad-dritt li jirtu lil xulxin. Inoltre, huma xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejniethom.

Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin minn qabel isseparaw legalment, u ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom. Illum l-intimata C B qieghda f’relazzjoni ma' ragel iehor u ghandha l-ulied minnu.

Illi dwar il-manteniment tal-minuri Christian B, ulied il-partijiet, fil-kuntratt tas-separazzjoni ftiehmu li l-obbligu tal-esponent li jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-istess minuri jibqa' sospiz sakemm l-esponent ikun qed jahdem b'mod regolari. Sal-lum, l-esponent ghadu dizokkupat. Minkejja dan, l-intimata pprocediet b'kawza kontra l-esponent biex ihallasha manteniment ghal binhom Christian B, liema kawza fl-ismijiet C B pro et noe vs A B (Rik. Gur. 140/2009AL) ghadha pendenti quddiem din il-Qorti. B'hekk il-kwistjoni tal-manteniment tal-minuri Christian B qed tinstema' u ghandha tigi deciza.

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili.”

Talab li din il-Qorti tordna l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti u li ssir in-notifika skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-4 ta’ Jannar 2013 li permezz taghha qed tikkontesta t-talbiet attrici u eccepiet is-segwenti:-

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors gewwa l-bini tal-Qorti, fit-tieni sular proprju granet ilu;

“Illi n-notifika tar-rikors de quo ghandha titqies nulla u dan stante' li ma gewx segwiti l-formalitajiet kif rikjesti mill-ligi b'dan illi meta persuna tigi notifikata gewwa l-bini tal-Qorti l-persuna li tohrog in-notifika, f'dan il-kaz A B ghandha permezz ta' rikors taghmel separatament t-talba taghha sabiex fil-gurnata ndikata, post u hin specifiku tohrog in-

notifika lil esponenti;

Illi n-notifika gewwa l-bini tal-Qorti setghat issir biss wara li tigi milqugha t-talba minn dina l-Onorabbli Qorti, liema talba ma gietx milqugha stante' li lanqas biss giet mitluba;

Illi din il-procedura ma gietx segwita ghalhekk in-notifika ghandha titqies bhala wahda nulla;

Illi u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti qieghda tikkontesta t-talba ghal hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u dan ghar-raguni li A B fil-granet u xhur li ghaddew naqas milli jivversa l-ammont f'manteniment lil minuri Christian B li ghandu sittax (16) il-sena u ghandu bzonnijiet specjali kif jixhdu l-annessi dokumenti Dok. 'A' u Dok. 'B' tant li matul ix-xhur li ghaddew ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti Kriminali akkuzat taht l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, instab hati, appella miz-zewg sentenzi moghtija u fil-granet li ghaddew kien hemm sahansitra l-appell li qieghed jistenna l-ezitu ta' konferma jew nuqqas ta' htija;

Illi r-rikorrenti ghamel referenza ghal-klawzola numru sebgha (7) kif indikata fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-konjugi datat 31 ta' Lulju, 2006, in Atti Nutar Ritienne Fenech fejn irritjena li sitt snin ilu bejn il-partijiet kien intlahaq dan l-arrangament cioe' li l-obbligu li r-rikorrenti jmantni lil ibnu jibqa' sospiz sakemm jibqa dizokkupat;

Illi bejn il-partijiet hemm ukoll kawza fl-ismijiet C B pro et nominee vs A B numru 140/2009 AL fejn permezz ta' digriet datat 12 t' Ottubru 2010, anness u mmarkat Dok. 'C' giet stabbilita rata mensili f'manteniment;

Illi ghad hemm pendenza bejn il-partijiet koncernanti l-arretrati f'manteniment li A B ghandu jhallas a favur tal-minuri Christian B sa mid-data li r-rikorrenti kellu mpjieg, jigifieri lura sa mit-23 ta' Lulju 2008 skont xhieda moghtija minn rapprezentant tal-ETC fil-kawza numru 140/2009, kopja annessa u mmarkata Dok. 'D'."

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2013 l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob il-hall taz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta wara li fil-31 ta’ Lulju 2006 il-partijiet resqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ta’ bejniethom.

Fuq dan il-kuntratt l-attur huwa indikat bhala “dizokkupat” u iddikjaraw li qed jiddekadu definittivament milli jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin. Iddikjaraw ukoll li jirrikonoxxu l-obbligu kongunt taghhom li jmantnu lil binhom minuri. Fuq il-kuntratt l-attur kien ghamel is-segwenti dikjarazzjoni u obbligazzjoni:-

“Ir-ragel jiddikjara li prezentement jinsab dizokkupat u ghaldaqstant il-partijiet jaqblu li l-obbligu tieghu li jikkontribwixxi flimkien mal-mara ghall-mateniment tal-minuri jibqa’ sospiz sakemm huwa jkun qed jahdem b’ mod regolari”.

Il-konvenuta tippretendi li l-attur beda jahdem u ma hallasx manteniment ghall-minuri u ghalhekk fis-sena 2009 intavolat kawza (citaz nru 140/2009AL) kontra l-attur fejn qed titlob manteniment ghall-minuri. Dik il-kawza tinsab pendenti.

Fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2013 l-attur ippropona lill-konvenuta li fit-termini tad-digriet tat-12 ta’ Ottubru 2009 moghti fil-kawza citaz nru 140/2009AL, fejn l-attur gie ordnat ihallas manteniment *pendente lite* ghat-tifel ta’ Euro 50 fil-gimgha, isir kalkolu ta’ l-arretrat sallum mhux imhallas kif ukoll jigi kalkolat il-manteniment ta’ Euro 50 fil-gimgha sakemm il-minuri jaghlaq tmintax-il sena u jhallas kollox issa.

Il-konvenuta irrispondiet ghal din il-proposta b’nota tat-18 ta’Frar 2013 (fol. 28) fejn indikat li ma kinitx qed taqbel mal-proposta peress li kien hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-

quantum tal-arretrati kif ukoll dwar jekk il-manteniment kellux jieqaf mal-jum li l-minuri jsir maggorenni. Dan ghaliex filwaqt li l-konvenuta tikkontendi li l-minuri huwa persuna bi bzonnijiet specjali, l-attur jikkontesta din l-allegazzjoni tal-konvenuta.

Fin-nota imsemmija il-konvenuta indikat li l-ammont ta' manteniment arretrat huwa s-segwenti:

Euro 1,050 ghas-sena 2008;
Euro 2,600 ghas-sena 2009
Euro 1,800 minn Jannar 2009 sa Settembru 2009

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-attur beda jhallas manteniment ghall-minuri minn meta gie ordnat bid-digriet tat-12 ta' Ottubru 2010. Il-konvenuta pero' qed tippretendi li l-manteniment ghall-minuri ghandu jibda jithallas b'effett mit-23 ta' Lulju 2008 ghaliex skont xhieda moghtija fil-kawza numru 140/09AL, rapprezentant tal-ETC iddikjara li l-attur irregistra ruhu mal-ETC bhala "self employed part-time mobile kiosk owner" b'effett mit-23 ta' Lulju 2008.

Fl-istess nota il-konvenuta ikkalkolat li mit-18 ta' Frar 2013 sakemm il-minuri jaghlaq tmintax-il sena kien ser ikun hemm Euro 2,600 dovuti bhala manteniment.

Il-konvenuta pero' tikkontendi illi anke jekk l-attur jeffettwa l-pagament minnu propost, apparti n-nuqqas ta' qbil ghall-perijodu bejn Lulju 2008 u Settembru 2010, hemm ukoll pretensjoni ohra ventilata fil-kawza 140/09AL fis-sens illi skont il-konvenuta il-manteniment tal-minuri m'ghandux jieqaf appena jsir maggorenni peress li ghandu htigijiet specjali.

B'nota tal-21 ta' Frar 2013 l-attur spjega li huwa ma kienx onora d-digriet tat-12 ta' Ottubru 2010 f'zewg okkazzjonijiet ta' xahrejn kull darba peress li skont hu ma kienx qed jahdem. Ghal dan il-perijodu l-attrici tippretendi Euro 800.00. Inoltre offra li jhallas is-somma ta' Euro 2,700 rapprezentanti Euro 50 fil-gimgha mill-21 ta'Frar 2013 sakemm il-minuri jsir maggorenni.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi:-

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn ilmiżżewġin f 'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Artikolu 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi:

*(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda*

*mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.*

*(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment.*

*Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba*.

**Artikolu 66I (3) tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

*Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment.*

Ikkunsidrat;

**Eccezzjonijiet tal-konvenuta**.

Il-konvenuta eccepiet li n-notifika tar-rikors promotur hija nulla in kwantu n-notifika lill-konvenuta giet ezegwita personalment lilha fl-edificju tal-Qorti. Din l-eccezzjoni giet irtirata fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2013 u ghalhekk il-Qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Il-konvenuta eccepiet ukoll illi qed tikkontesta t-talba attrici stante li:-

(1) Kien hemm arretrati ta' manteniment dovuti lill-konvenuta bhala manteniment tal-minuri li jirrisjedi maghha stante li skont il-konvenuta l-attur kien beda jahdem fit-23 ta' Lulju 2008 u ghalhekk minn dakinhar skatta l-obbligu tal-attur li jhallas manteniment.

(2) Bejn il-partijiet hemm kawza pendenti numru 140/2009AL fl-ismijiet "C B vs A B" biex jigi stabbilit minn meta l-attur beda jahdem u l-ammont ta' manteniment dovut fl-interess tal-minuri minn meta beda jahdem.

Ikkunsidrat.

Il-ligi fuq citata taghmilha cara illi Qorti m'ghandhiex tilqa' talba ghad-divorzju jekk jirrizultalha li manteniment miftiehem fuq kuntratt ta' separazzjoni ma kienx thallas u li jekk id-divorzju jinghata taghmilha aktar difficli ghall-konvenut/a illi tikseb tali hlas.

Jirrizulta mill-atti li fil-passat l-attur gie mharrek quddiem il-Qorti u nstab hati li ma onorax id-digriet dwar il-manteniment *pendente lite*. Il-kwistjoni pero' tmur oltre l-kwistjoni ta' osservanza o meno tad-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru 2010.

Fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali il-partijiet kienu ftehmu illi appena l-attur jibda jahdem huwa kellu jibda jivversa manteniment ghall-minuri, u dan peress li dak iz-zmien l-attur ma kellux xoghol. L-obbligu kontrattwali tal-attur kien li appena jibda jahdem jibda jhallas manteniment ghall-minuri. Ir-records tal-ETC juru

li beda jahdem fis-sena 2008 pero' hu beda jhallas manteniment wara l-ghoti tad-digriet dwar manteniment *pendente lite* moghti fit-12 ta' Ottubru 2010.

Kif rajna l-artikolu 66I (3) tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

*Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment.*

Il-Qorti hi tal-fehma illi fil-kawza odjerna hemm cirkostanzi oggettivi serji bizzejjed li jindikaw il-htiega li l-Qorti tordna lill-attur jipprovdi garanzija ghall-manteniment tal-minuri mit-23 ta' Lulju 2008 sat-12 ta' Ottubru 2010 ammontanti ghal hamest elef, erba' mija u hamsin ewro (Euro 5,450), ghal tmin mitt ewro (Euro 800) arretrati ta' manteniment fuq imsemmija, kif ukoll ghall-manteniment dovut sakemm il-minuri jaghlaq tmintax-il (18) sena.

Tali garanzija ghandha tibqa' valida sakemm il-kawza numru 140/09AL tigi definittivament deciza.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta fir-risposta taghha limitatament bil-mod kif fuq spjegat b'dan illi qabel taghti decizzjoni fuq it-talbiet attrici qed taghti lill-attur zmien perentorju ta' xahar millum sabiex jottjeni garanzija bankarja a favur il-

konvenuta ghall-ammont ta' sitt elef, mitejn u hamsin ewro (Euro 6,250) bhala garanzija ghall-manteniment pretiz mill-konvenuta fir-rigward tal-minuri ghall-perijodu bejn it-23 ta' Lulju 2008 u t-12 ta' Ottubru 2010 kif ukoll erba' xhur arretrati ta' manteniment ghall-minuri wara l-hrug tad-digriet tat-12 ta' Ottubru 2010 liema garanzija ghandha tibqa' valida sakemm tigi deciza definittavament il-kawza numru 140/09AL.

Il-kawza tibqa' differita ghat-2 ta' Lulju 2013 sabiex fil-mori tad-differiment l-attur jottempera ruhu ma' din id-decizjoni.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------